# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ISTRUTTORJA

MAGISTRAT FRANCESCO DEPASQUALE

LL.D. LL.M. (IMLI)

**Il-Pulizija (Spettur Matthew Spagnol)**

**Vs**

**Andreas Buhagiar**

Illum, 30 ta' Lulju 2017

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Andreas Buhagiar ta' 24 sena, iben Anthony u Ausonia nee' Sacco, imwieled Pieta', fit-23 ta' Mejju 1993, residenti fil-fond 31, Sandinski, Triq Nikol Montebello, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' 256093M fejn ġie akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-28 ta' Lulju 2017 għall-ħabta tas-02:10 hrs ġewwa l-carpark tal-lukanda Corinthia Marina, San Ġiljan;

1. Ikkommetta serqa ta' vettura ta' tip *Quad Bike* ta' għamla Kymco, b'kulur abjad, għad-detriment ta' Jeep Safari Limited, liema serqa hija kwalifikata bil-"ħin", bix-"xorta tal-ħaġa msiruqa", u bil-"valur" li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (Euro 2,329.37).
   **Art. 261 (c) (f) (g); 270, 271 (g), 279 (b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

U akkużat ukoll talli bejn it-28 u d-29 ta' Lulju 2017, f'dawn il-gżejjer;

1. Volutarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe' vettura ta' tip Quad Bike ta' għamla Kymco, b'kulur abjad, għad-detriment ta' Jeep Safari Limited, liema ammont ta' ħsara ma

jiskorrix elfejn u ħames mitt euro (Euro 2500), iżda huwa iżjed minn miterjn u ħamsin euro (Euro 250).
**Art. 325 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Il-Qorti,

Rat id-dokumentazzjoni kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi l-Prosekuzzjoni, iddikkjarat li l-Quad Bike ġie elevat mingħand l-akkuzat u ġie ritornat lill-sidu li ma kienx f'pożizzjon sal-lum jipprovdi stima ta' ħsarat fuq l-istess Quad Bike.

Rat illi l-akkużat ammetta l-akkużi kif redotti. Il-Qorti tat żmien lill-akkużat biex jirrikonsidra l-ammissjoni u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi reġa' ammetta l-akkużi kif redotti.

Rat illi l-akkużat għarraf lill-Qorti li għandu problema tad-droga u għalhekk jagħti l-kunsens tiegħu biex tinħariġlu ordni ta' trattament sabiex jegħleb tali vizzju.

Rat l-Artikoli 261 (c) (f) u (g), 270, 271 (g), 279 (b), 325 (1) (b) u 412 (d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikoli 28 (a) u (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fehmet iċ-ċirkustanzi kollha tal-akkużat u wara li rat il-Liġi u l-fatti kollha miġjuba quddiemha, issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha kif dedotti, u

**Tikkundannah** għal sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' **sentejn**, liema ordni ma tibdiex isseħħ ħlief jekk, matul periodu ta' **erbgħa snin millum**, jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u dan a tenur tal-Artikolu 28 (a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Tordna** li ai fini tal-Artikolu 28 (g) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tinħariġlu ordni ta' superviżjoni għal żmien ta' **sentejn** u għandu jsir rapport il-Qorti kull **sitt xhur**.

**Tordna** li ai fini tal-Artikolu 412 (d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tinħariġlu ordni ta' trattament u tordnalu sabiex jagħmel dak it-trattament kollu meħtieġ kif jiġi lilu ordnat mill-uffiċjal tal-Probation. Il-Qorti għandha tiġi nfurmata kull **sitt xhur** bl-andament tal-istess.

**Maġistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**